MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Numru. 295/2001

Il-Pulizija
(Spettur Paul Camilleri)
vs
Christopher Caruana u Maurizio Zahra

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, talli fl-24 ta' Frar, 2001 ghall-habta ta' xi 7.00p.m. fil-Furjana :

1. Volontarjament kisru l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied;

2. Qalu fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha;

3. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamlu

hsara fil-vettura Nru. AAP 691 ghad-dannu tad-diretturi ta' kumpannija 'A Sound' u fin-nuccali tal-vista ta' David Spiteri, liema hsara hija ta' aktar minn LM50 izda anqas minn LM500;

4. Hebbew ghal David Spiteri u ikkagunawlu griehi ta' natura hafifa kif iccertifika Dr. Sandro Galea Soler MD;

5. Hebbew ghal Sandra Oliva u ikkagunawlha griehi ta' natura hafifa kif iccertifika Dr. Martin Flores MD;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu illi ma ghandhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti inkluz iz-zewg imputati fuq imsemmija minn jeddhom u bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija jammettu l-akkuzi migjuba kontra taghhom fix-xiehda illi taw fil-Qorti, b'dan illi kien l-imputat Christopher Caruana biss li ammetta it-tielet imputazzjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Taqta u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni taz-zewg imputati fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, issibhom hatja taghhom, u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 338(dd), 338(bb), 342, 221(1) u 325(b) tal-Kap. 9, b'dan pero' illi l-imputat Maurizio Zahra ghandu jigi liberat mit-tielet imputazzjoni, illi ma gietx ippruvata fil-konfront tieghu;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi z-zewg imputati fuq imsemmija kienu sinciera ferm meta xehdu fil-Qorti, il-fatt illi l-parte civile hafrulhom ta' dak kollu illi gara kif ukoll il-fatt illi z-zewg imputati m'ghandhomx xi fedina penali allarmanti. Piena karcerarja certament mhix idoneja ghall-

akkadut u jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputati u ghas-socjeta' in generali, jekk iz-zewg imputati fuq imsemmija jinghataw l-ahhar opportunita sabiex jirriformaw hajjithom u jaqbdu t-triq it-tajba.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara illi rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, filwaqt illi tilliberahom, taghmel dan bil-kondizzjoni illi ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn millum;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bil-konsegwenzi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------